MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta tas-26 ta' Marzu, 2007

Numru 153/2007

**Il-Pulizija
(Spettur Ian Joseph Abdilla)**

**Vs**

**Anthony Borg ta' 36 sena bin Anthony u l-mejta Speranza nee' Caruana,
imwieled fit-12 ta' Awissu, 1970 u residenti Numru 2, Western Flats, Triq il-Gidwed, St. Thomas Bay, Wied il-Ghajn, detentur tal-karta ta'l-identita' 387970(M)**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmi Anthony Borg li gie akkuzat talli fi Frar 2007, u b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda,

1. Irceva minghand Nicholas Farrugia u minghand Eleno Cassar, jew kiseb minn ghandhom xi weghda li jinghata ghalih jew ghal ohrajn, b'korispettiv ghal xi self, imghaxijiet, jew xi qliegh iehor taht liema ghamla li jkun b'access minn dak li jkun permess bil-ligi u dana bi ksur ta' l-artikoli 18 u 298C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**2.** U aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, wera imgieba li biha ikkaguna biza lil Nicholas Farrugia u lil Eleno Cassar li ser tintuza vjolenza kontrihom jew kontra il-proprjeta taghhom jew ta' membri tal-familja taghhom u dana bi ksur ta'l-artikoli 18 u 251B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

U b'hekk l-imputat sar recidiv ai termini ta' l-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b'diversi sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Il-Qorti giet mitluba sabiex jekk jidhirilha xieraq tipprovdi ghas-sigurta ta' l-imsemmija Nicholas Farrugia u Eleno Cassar u tal-familjari taghhom, jew sabiex tinzamm il-buon ordni pubbliku, flimkien mal-piena minflok il-piena applikabbli tar-reat, torbot lill-istess Anthony Borg b'obbligazzjoni tieghu innifsu taht penali ta' somma ta' flus li tigi iffissata mill-Qorti, hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti mitluba sabiex fil-kaz ta' htija, barra li tinfliggi il-pieni stabbiliti mil-Ligi, tordna wkoll il-konfiska ta'l-oggetti esebieti.

Il-Qorti giet mitluba ukoll sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghal hlas ta' l-ispejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-artikolu 533 tal-Kpaitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens ta'l-Avukat Generali sabiex dana il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u semghet li l-imputat ma ghandux oggezzjoni illi l-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet ix-xhieda li gew prodotti.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti kollha ta’ dan il-procediment.

Semghet l-amissjoni ta’ l-imputat ghall-akkuzi migjuba kontra tieghu u dana anke wara illi l-Qorti tatu zmien ragjonevoli sabiex jirrikonsidra l-amissjoni tieghu.

Ikkunsidrat,

Illi l-Qorti fid-dawl ta’ l-ammissjoni maghmula mill-imputat ghall-akkuzi migjuba kontra tieghu u dana anke wara li l-Qorti tatu zmien xieraq sabiex jirrikonsidra l-ammissjoni tieghu, ma ghandha l-ebda triq ohra hlief li issib lill-imputat hati ta’ l-akkuzi kif dedotti.

Ikkunsidrat ghal fini ta’ piena illi l-imputat ammetta l-akkuzi fi stadju bikri ta’ dawn il-proceduri, ghalkemm jidher mil-fedina penali tieghu, illi dina ma hijiex l-ewwel darba illi huwa xiref difrejgh mal-gustizzja. Ghaldaqstant l-Qorti wara li rat l-artikolu 18, 298C u 251B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, taqta’ u tiddeciedi billi issib lill-imputat, Anthony Borg, hati ta’ l-akkuzi kif dedotti u qieghda tikkundannah ghal piena ta’ prigunerija ghal zmien tlett xhur, liema perijodu ta’ prigunerija qieghed jigi sospiz ghal zmien sena mil-lum u dana a tenur ta’ l-artikolu 28 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta kif ukoll ghal multa ta’ Lm3000, li b’applikazzjoni ta’ l-artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta ghandha tithallas fi zmien ghoxrin xahar mil-lum bir-rata ta’ Lm150 kull xahar, l-ewwel pagament ikun dovut sa mhux aktar tard mit-30 ta’ April 2007. Fin-nuqqas illi l-imputat ma jhallasx pagament wiehed, il-bilanc dovut jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta’ gurnata habs ghal kull hames liri dovuta.

Finalment il-Qorti qieghed torbot lill-hati b’obbligazzjoni tieghu innifsu taht penali ta’ Lm500 sabiex bl-ebda mod ma jersaq lejn Nicholas Farrugia u Eleno Cassar u l-familjari taghhom.

Il-Qorti tiddikjara ghal kull buon fini illi hija spjegat lill-hati fi kliem car bir-responsabbilta tieghu skond il-Ligi jekk huwa jikkometti reat iehor illi ghalih hemm mil-piena ta' prigunerija matul il-perijodu operattiv ta' dina s-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------